MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 14

8 ta' Jannar 2014

Minuti tas-seduta Nru.14 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar l-Erbgħa 8 ta' Jannar 2014.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha nkluż l-Ambaxxatur Lokali għaż-Żgħażagħ - Raquel Cutajar. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti tas-seduta.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsill approva l-minuti tas-Seduta Nru. 13, mingħajr emendi fis-sustanza. Is-Segretarju ġie mitlub jippubblika l-istess minuti fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. Użu tal-*Multi-Purpose Court* fil-Park tal-Familja (P/4/6/1)

2.1.2. Il-Kunsillier H. Fenech irrefera għall-minuta 2.6.1. tas-seduta preċedenti dwar l-introduzzjoni ta' arloġġ li jimmarka l-konsum tal-elettriku għall-*floodlights* tal-multi-*purpose court*. Huwa qal li dan qed jiġi propost biex jintuża min wieħed mil-*coaches* tat-tim tal-basketball bejn it-8.30pm u d-9.30pm, x'ħin il-kustodju ma jkunx preżenti, bejn Settembru u April.

2.1.3. Il-Kunsill ġie mfakkar li l-iskeda attwali tal-kustodju mit-Tnejn sal-Ġimgħa hija kif jidher hawn taħt:

| Novembru sa Marzu | April u Mejju | Ġunju sa Ottubru |
|---|---|---|
| 1600-2000hrs | 1600-2100hrs | 1800-2300hrs |

2.1.4. Billi l-*court* ser ikun qed jintuża minn assoċjazzjoni sportiva bbażata fil-Mellieħa, il-Kunsill iddeċieda li għandu jiżdiedu s-siegħat tal-kustodju b'sagħtejn fil-ġimgħa bejn Novembru u Marzu u siegħa fil-ġimgħa f'April u Mejju. Għaldaqstant kien hemm qbil li l-iskeda tal-ħinijiet tal-kustodju għandha tinbidel skont kif jidher hawn taħt:

| | Novembru sa Marzu | April u Mejju | Ġunju sa' Ottubru |
|---|---|---|---|
| **Mit-Tnejn sal-Ġimgħa** | 1630-2030hrs | 1600-2130hrs | 1800-2300hrs |
| **Is-Sibtijiet** | 1000-2000hrs | 1000-2100hrs | 1800-2300hrs |
| **Il-Ħdud u Btajjel Pubbliċi** | 1000-2000hrs | 1000-2100hrs | 1800-2300hrs |

## 2.2.1. *Bring-In Sites* fiż-żoni tal-*boathouses* ġewwa l-Aħrax (K/6/10/Vol III)

2.2.2. Is-Sindku J. Buttigieg rrefera għall-minuta 4.2.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li fis-6 ta' Jannar 2014 saret laqgħa ma' delegazzjoni minn Green MT Ltd, komposta mis-Sinjuri Paul Abela; Philip Fenech; Joe Attard, President u Viċi President tal-General Retailers Union u Kap Eżekuttiv ta' Green MT Ltd, rispettivament. Attenda wkoll is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill C. Debono.

2.2.3. Mill-istess laqgħa rriżulta li Green MT Ltd kienet ser terġa tirrestitwixxi il-*bring-in sites* li żarmat mill-inħawi tal-*boathouses* ġewwa l-Aħrax, bejn Mejju u Settembru. Intqal ukoll li dawn tneħħew temporanjament minħabba li kien qed jintrema fihom skart organiku. Dan kien qed jiswielhom doppjament, peress li jeħtiġilhom iqabbdu kuntrattur apparti, filwaqt li jeħlu wkoll l-ispejjeż li tiċċarġja l-WasteServ għar-rimi ta' skart organiku.

2.2.4. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li tqajmet il-kwistjoni dwar il-*waste separation bins* fil-Bajja tal-Għadira, li l-istat tagħhom ħżien minħabba li tħallew esposti għall-elementi s-sena kollha. Biex tiġi trattata din il-materja flimkien mal-entitajiet kollha konċernati, intlaħaq qbil li għandha ssir laqgħa li għaliha jiġu mistiedna uffiċjali mill-Cleansing Services Department, mill-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu u Velljo Waste Services. Green MT offriet li tikkordina s-sejħa għal din il-laqgħa biex issir mill-iktar fis possibbli fl-uffiċċju tal-Kunsill.

2.2.5. Dwar l-ammonti ta' flus dovuti lill-Kunsill taħt il-ftehim ma' Green MT Ltd, liema fondi huma marbuta mal-gbir ta' skart li l-piz tiegħu qabeż il-kwota stabbilita ta' 3,100 kg matul is-sena 2012 u jammontaw għal €9,628.30. Hemm ukoll is-somma ta' €1,000 li kellha titħallas mal-iffirmar tal-ftehim attwali li jkopri bejn Jannar 2013 u Diċembru 2014. Is-Sur Paul Abela wiegħed li dawn l-ammonti ser jiġu onorati fil-futur qarib.

2.2.6. Il-Kunsill innota l-progress li sar.

## 2.3.1. Tibdil fil-kuntratt dwar il-Manutenzjoni u Żamma tal-Latrini Pubbliċi (L/3/Vol III)

2.3.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.3.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li tkomplew il-kuntatti mal-kuntrattur responsabbli miż-żamma tal-latrini – Absolute Cleaners Ltd - li min-naħa tiegħu evalwa l-iskeda tal-ħinijiet tal-ftuħ mogħtija lilu mill-Kunsill. Huwa spjega li l-iskeda ġdida tinvolvi żieda fil-ħinijiet tal-ftuħ tal-latrini, kif ukoll attendenza permanenti kontinwa fil-lokalita` li tvarja minn *attendant* wieħed bejn Ottubru u Mejju għal tnejn bejn Ġunju u Settembru. Huwa fakkar li l-Kunsill qed jitlob lill-kuntrattur li jkopri dan it-tibdil bil-varjazzjoni ta' 20% fl-ispiża annwali, li tippermetti l-liġi. Dawn, ipproponew li x-xahar ta' Ottubru jiġi trattat bħax-xhur tar-Rebbiegħa (April/Mejju) minħabba similarita` fil-patronaġġ. Il-kuntrattur qed joġġezzjoni li jkopri wara s-6.30pm u d-9.00pm fir-rigward tal-Ramla tal-Mixquqa, għaliex b'hekk ikun qed jirreġistra telf ta' flus.

2.3.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jiġi aċċettat l-arranġament sas-6.30pm fir-rigward tal-latrina tal-Mixquqa, iżda din għandha tinżamm miftuħa xorta waħda u tingħalaq mill-operatur tal-kjosk li hemm fil-qrib.

2.3.4. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jkun hemm sistema ta' *attendance sheet* li tiġi ffirmata kull darba mill-*attendant* meta jagħmel it-tindif.

### 2.4.1. Andament ta' Milied Mellieħi 2013 (A/5/3/6/Vol III)

2.4.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo aċċenna għall-minuta 8.1. tas-seduta preċedenti u kkummenta li l-andament tal-attivitajiet marbuta ma' Milied Mellieħi 2013 kien wieħed tajjeb ħafna, filwaqt li l-konkorrenza mill-pubbliku kienet fuq il-livell tal-edizzjonijiet preċedenti. Is-somma li ġiet mgħoddija mill-għaqdiet volontarji li ipparteċipaw taħt it-tinda għamlu għotja bejniethom ta' €3,120.

2.4.3. Il-Kunsiller H. Fenech ikkummenta li l-andament b'mod ġenerali kien wieħed tajjeb, iżda aċċenna, li minbarra l-għaqdiet volontarji taħt it-tinda, kien hemm ċerti interessi kummerċjali, u mhux oħrajn.

2.4.4. Is-Sur C. Bartolo wieġeb illi l-bejjiegħa li ma kienux għaqdiet, tħallew taħt it-tinda minħabba li kienu ser ibiegħu ikel partikulari marbut mal-Milied. Huwa qal ukoll li hekk kif innutat li wieħed minn dawn li kien qed ibiegħ ix-xorb, dan twaqqaf minnufih.

2.4.5. Is-Sindku qal li għandha ssir *post mortem* flimkien mal-għaqdiet involuti wara li tinġabar l-ispiża kollha sabiex issir evalwazzjoni ħalli jiġi deċiż il-futur ta' din l-attivita`.

2.4.6. Il-Kunsillier J. Gauci ppropona li biex Milied Mellieħi ma jkunx daqshekk spiss, forsi jista' jsir kull sentejn.

### 2.5.1. Andament tas-Sistema tal-Infurzar Lokali (W/3/1/Vol VIII)

2.5.2. Is-Sindku irrefera għall-minuta 14.1. tas-seduta preċedenti u ikkummenta li minkejja r-rappreżentazzjonijiet li saru mal-President u s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kumitat Reġjonali flimkien mal-Uffiċjal Awtorizzat, is-sitwazzjoni dwar ir-rondi tal-Gwardjani Lokali, baqgħet ma nbidlitx. Jidher biċ-ċar li dawn baqgħu ikkonċentrati fuq il-parti t'isfel ta' Triq il-Kbira u Triq Ġorġ Borg Olivier.

2.5.3. Is-Sur J. Buttigieg ppropona wkoll li jiġu stampati *stickers* sabiex jitwaħħlu mal-bibien tal-ħwienet fit-toroq imsemmija, bil-għan li jwissu lis-sewwieqa sabiex jindikaw l-ħin li jkunu pparkjaw fih, qabel iħallu l-vettura tagħhom.

2.5.4. Kien hemm qbil li għandu jsir kuntatt ma' kumpaniji ta' assikurazzjoni sabiex isir magħruf dwar jekk humiex interessati li jisponsorjaw l-istampar tal-arloġġi bir-riklami.

2.5.5. Il-Kunsill qabel mal-proposti mressqa.

### 2.6.1. Parteċipazzjoni f'avveniment Bethlehem f'Għajnsielem (A/5/5/Vol VI)

2.6.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo aċċenna għall-minuta 15.1. tas-seduta preċedenti dwar l-attivita` tas-Slaten Maġi li saret il-Ħadd 5 ta' Jannar 2014. Huwa għarraf li l-affarijiet inbidlu minn kif ġew spjegati fl-aħħar seduta. Dan għar-raġuni li kien hemm laqgħa li attenda għaliha s-Sindku J. Buttigieg mas-Sinjuri Francis Cauchi u Franco Ciangura, is-Sindku u l-Viċi Sindku ta' Għajnsielem, rispettivament. Fl-istess laqgħa, id-delegazzjoni ta' Għajnsielem ipproponiet li l-involviment tal-Mellieħa jiżdied billi tagħmel tajjeb għall-kiri tal-bhejjem użati mill-atturi li għamluha ta' Slaten Maġi. Is-Sur C. Bartolo li saru arranġamenti biex inġiebu atturi wkoll li għamluha ta' suldati Rumani. Kompla jgħid li l-vjaġġ tal-Maġi beda mill-Ajruport tal-Gudja. It-tfal lebsin ta' rgħajja ġew ipprovduti minn Artemocion Dance Studio. Il-vjaġġ tal-Maġi fil-Mellieħa beda mill-Park tal-Familja, fejn ingħaqdu magħhom ir-rgħajja u s-suldati Rumani msemmija.

2.6.3. Il-Kunsill qabel li din l-attivita` intgħoġbot mill-pubbliku.

### 2.7.1. Ħarġa kulturali (A/5/5/Vol III)

2.7.2. Kunsilliera A. Brincat Stellini irreferiet għall-*item* 17.2. tas-seduta preċedenti u qalet li għall-ħarġa kulturali li saret għal Presepju Bethlehem f'Għajnsielem, Għawdex attendew 65 persuna. Il-prezz tal-kbar kien €12, it-tfal €5.00, filwaqt li detenturi ta' Kartanzjan ħallsu €7.00. Dawn il-prezzijiet kienu jinkludu t-trasport u l-vapur.

2.7.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.8.1. Preżentazzjoni ta' kotba għal-Librerija Pubblika (L/4/Vol III)

2.8.2. Il-Kunsillier J. Attard irrefera għall-minuta 2.5.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li fit-23 ta' Diċembru 2013 saret preżentazzjoni ta' numru konsiderevoli ta' kotba mill-Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta, għal-librerija pubblika tal-Mellieħa.

2.8.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.9.1. Art konfinanti minn Triq l-Etna, Triq Mons. Frangisk Xuereb u Triq l-Għasel (P/4/27)

2.9.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rreferera għall-minuta 4.4.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-Kurja Arċiveskovili approvat it-test mgħoddi lilha mill-Kunsill bl-emendi ndikati mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Il-ftehim ikun jista' jiġi ffirmat hekk kif ikunu lesti l-pjanti li jindikaw is-sit, min-naħa tal-Perit tal-Kunsill.

2.9.3. Il-Kunsill innota dawn l-iżviluppi.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 05/01/14;
- Skeda ta' Pagamenti – 15/12/13 – 04/01/14;
- Skeda ta' korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet;
- Minuti – *Tender Adjudication Board* – 30/12/13;
- Minuti – Kumitat Reviżjoni tal-Kriterji dwar l-Għoti ta' Onorefiċenzi;
- Abbozz tal-Kriterji dwar l-Għoti ta' Onorefiċenzi;
- Abbozz tal-Estimi Finanzjarji 2014

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Tqegħid ta' imwejjed u siġġijiet f'Misraħ il-Parroċċa, Mellieħa (T/4/10)

4.1.2. Saret referenza għal ittra mibgħuta mill-periti A. Fenech Vella & Associates, datata 12 ta' Diċembru 2013 dwar talba sabiex jitpoġġew imwejjed u siġġijiet f'medda ta' 7.2m x 3.15m quddiem Square Bar, f'Misraħ il-Parroċċa, Mellieħa.

4.1.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni bil-kundizzjoni li:

- il-bankina ma tiġix ostakolata; u
- qsari li jitpoġġew madwar l-imwejjed u siġġijiet, jitneħħew meta l-istabbilment ikun magħluq.

### 4.2.1. Twaqqigħ u bini mill-ġdid tal-kumpless Belleview fi Triq il-Kbira (P/5/K)

4.2.2. Saret referenza għal ittra datata 3 ta' Jannar 2014, mibgħuta mill-MEPA fejn intqal li fid-9 ta' Jannar 2014, il-bord tal-MEPA ser ikun qed jiddiskuti l-applikazzjoni PA 2116/13 dwar it-twaqqigħ tal-binja fejn qabel kien hemm il-Belleview u minflok jinbena supermarket, 18-il appartament, cafeteria, u parkeġġ, flimkien ma' imħażen taħt il-livell tat-triq. Is-sit jinsab bejn Triq il-Kbira, Triq il-Fortizza, Triq in-Nases u Triq Tas-Salib.

4.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 4.3.1. Bdil fil-linja ta' Triq il-Fuħħar k/m Triq l-Istasija, Manikata (P/5/F)

4.3.2. Saret referenza għall-*e-mail* datat 23 ta' Diċembru 2013, fejn intqal li l-MEPA qed tikkonsidra applikazzjoni PC 0043/13 sabiex tinbidel il-linja tat-triq fil-post imsemmi hawn fuq.

4.3.3. Il-Kunsill u ma sabx oġġezzjoni li tiġi modifikata wara li ra l-*block plan* li ġiet mgħoddija mill-MEPA.

### 4.4.1. Tibdil fl-iskema tal-iżvilupp f'Ta' Masrija (P/5/1/Vol IV)

4.4.2. Saret referenza għal nota datata 6 ta' Jannar 2014, mibgħuta mill-MEPA dwar l-intenzjoni tagħha li tibdel l-iskema fir-rigward taż-żona tal-barrieri f'Ta' Masrija, bil-għan li:

(a) Bil-għan li l-MEPA taddotta *master-plan* skont kif indikat fil-pjanta mehmuża man-notifika msemmija;

(b) Eliminazzjoni tal-ħtieġa ta' ippjanar komprensiv mis-sidien tal-art sakemm jiġi segwit l-imsemmi *master-plan*; u

(c) Il-projbizzjoni tal-*Floor Area Ratio* għas-sit indikat.

4.4.3. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li rappreżentazzjonijiet dwar din il-materja jistgħu jsiru sal-20 ta' Jannar 2014.

4.4.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jikseb il-gwida tal-*Contracts Manager* sabiex jiġi stabbilit eżattament it-tibdil li qed jiġi propost.

### 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 5 ta' Jannar 2014.

5.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-isemmija skeda.

### 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet għal Servizzi u Materjal

6.2. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti mitluba bejn il-15 ta' Diċembru 2013 u l-4 ta' Jannar 2014.

6.3. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fl-iskedi mressqa. Kien hemm qbil ukoll li l-iskeda tal-pagamenti għandha tiġi ppubblikata fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt

### 7.1. Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku illi tgħid:

***"Peress li skada l-kuntratt illi jipprovdi għall-Ġbir tal-Iskart Goff mas-Sur Antoine Fenech, skada fil-31 ta' Diċembru 2013;***

***Billi, saret sejħa għall-offerti (7/2013) skont ir-Regolamenti tal-Kunsilli Lokali (Offerti) (Avviż Legali 157 tal-1993) u r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (Avviż Legali 177 tal-2005);***

***Billi ż-żewġ offerti li saru ġew evalwati mit-Tender Adjudication Board, liema Bord ressaq ir-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Kunsill skont il-minuti tat-30 ta' Diċembru 2013;***

***Il-Kunsill jirriżolvi li għandha tinħareġ ittra ta' aċċettazzjoni bil-għan li jiġi ffirmat kuntratt mas-Sur Antoine Fenech għal perjodu ta' tliet snin, b'effett mill-1 ta' Frar 2014, bir-rati inklużi fl-offerta tiegħu mitfugħa fl-24 ta' Settembru 2010.".***
***(K/6/8)***

7.2. Il-mozzjoni għaddiet mingħajr emendi wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier H. Fenech.

### 8.1. Kriterji dwar l-għoti ta' onorefiċenzi (A/5/3/1/Vol XIV)

8.2. Saret referenza għall-minuti tal-Kumitat maħtur sabiex jirrevedi l-kriterji dwar l-għoti ta' onorefiċenzi. Il-Kumitat iltaqa' fit-3 ta' Jannar 2014, filwaqt li l-minuti tqassmu qabel is-seduta.

8.3. Il-Viċi Sindku C. Bartolo spjega li l-Kumitat qed jirrakkomanda li għall-edizzjoni 2014, il-kriterji għandhom jinbidlu fis-sens li ex-Sindku li jkun ġie elett fil-Parlament, ikun eliġibbli għall-onorefiċenza "Ġieħ il-Mellieħa". Il-Kumitat għandu jkompli jitlaqa' sabiex jipproponi emendi li jidħlu fis-seħħ fl-edizzjoni 2015. Fost oħrajn, dawn l-emendi għandhom jinkludu l-komposizzjoni tal-Bord ta' Rakkomandazzjoni u sistema ta' punti fuq il-kriterji li jiġu formolati minn qabel.

8.4. Is-Sindku kkummenta li għalkemm, id-deċiżjoni finali għandha dejjem tkun tal-Kunsill, dan għandu jkun distakkat kemm jista' jkun mill-evalwazzjoni tan-nomini. Huwa rrakkomanda wkoll li, fejn jara il-ħtieġa il-Bord ta' Rakkomandazzjoni għandu jitlob aktar tagħrif permezz ta' intervisti, lill-persuni jew għaqdiet li jkunu ressqu xi nomina.

8.5. Is-Sur C. Bartolo qal illi persuni li m'humiex membri fuq il-Kunsill ikollhom perspettiva differenti tan-nomini li jsiru, u għalhekk jaqbel li għandhom jingħataw aktar spazju.

8.6. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill approva l-kriterji applikabbli għall-edizzjoni 2014, kif ukoll il-formola tan-nominazzjoni kif ġiet proposta mill-Kumitat. Kien hemm qbil li s-sejħa għan-nominazzjonijiet għandha tkun miftuħa għal erba' ġimgħat u tagħlaq fis-7 ta' Frar 2014.

## 9.1. Tħejjijiet għal Jum il-Kunsill 2014 (A/5/3/1/Vol XIV)

9.2. Ittieħed spunt mill-minuti tal-kumitat maħtur sabiex jirrevedi l-kriterji dwar l-għoti ta' onoreficenzi tat-3 ta' Jannar 2014, dwar l-bdil fl-isem tal-avveniment kif kien s'issa. Wara li ssemmew diversi ismijiet, kien hemm qbil li għandu jkun hemm rabta mal-isem tal-lokalita` u għalhekk ġie deċiż li dan għandu jkun "*Jum il-Kunsill tal-Mellieħa*".

9.3. Il-Viċi Sindku C. Bartolo ppropona li din l-edizzjoni għandha tkun abbinata mal-għoxrin anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali. Għaldaqstant, fost aspetti oħra fuq din il-linja, għandu jittellgħa *feature* li jkopri ħarsa lejn il-proġetti kapitali u l-ħidma komunitarja li twettqet b'rizq il-lokalita` mill-1993. Huwa qal ukoll li jistgħu jittellgħu attivitajiet sportivi bħalma huwa futbol, sparar fuq il-plattini eċċ.

9.4. Il-Kunsillier H. Fenech qal li l-finali tal-kompetizzjoni tas-*Snooker* u l-*American Pool* organizzati mill-Kunsill, jistgħu wkoll isiru qrib is-serata tal-għoti tal-onoreficenzi.

9.5. Il-Kunsillier J. Attard issuġġerixxa li l-Kunsillieri kollha li servew għal xi żmien fil-Kunsill mill-1993 jingħataw tifkira biex tfakkar l-għoxrin anniversarju.

9.6. Il-Kunsill qabel li għandha tiġi mistħarrġa l-possibilta` li jittellgħa l-*feature* msemmi fil-minuta 9.3. u l-għoti tal-*mementos* li sar aċċenn għalihom fil-minuta 9.5. aktar 'il fuq.

9.7. Ġiet iffissata d-data tas-serata għal nhar il-Ġimgħa 7 ta' Marzu 2014, kif ukoll li għandha ssir stedina lill-Prim Ministru l-Onor. Joseph Muscat sabiex din issir taħt il-patroċinju tiegħu.

9.8. Kien hemm qbil ukoll li minbarra s-Sala tal-Komunita`, għandhom jiġu kkunsidrati postijiet oħra, fejn tista' tinżamm is-serata tas-7 ta' Marzu 2014.

## 10.1. Kuntratt dwar il-Manutenzjoni ta' Dwal fit-Toroq (E/1/2/Vol VI)

10.2. Is-Segretarju rrefera għall-Memo 34/2013 mibgħut mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, datat 30 ta' Diċembru 2013, fejn l-istess dipartiment fakkar li l-kuntratti li jipprovdu għall-manutenzjoni tad-dwal fit-toroq kien ilhom diversi snin skaduti u għalhekk għandha ssir sejħa għall-offerti. Is-Sur C. Debono għarraf li huwa kiteb lid-Dipartiment biex jistaqsi dwar jekk kienx ser jgħaddi kuntratt rivedut, jew jekk huwiex ser jintuża dak li kien hemm s'issa. Ġie mistoqsi wkoll dwar jekk għandiex tinħareġ sejħa wkoll għall-kuntratt tal-*contract management*, li wkoll ilu żmien li skada.

10.3. Is-Sur C. Debono fakkar li minn meta seħħet din id-devoluzzjoni, kien hemm żewġ sejħiet, li t-tnejn saru minn kumitat konġunt magħmul mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa, Mosta, San Pawl il-Baħar, Naxxar, Mġarr u Għargħur. L-istess kien sar fil-każ tal-*contract management*. L-għan ewlieni kien li jinġiebu rati vantaġġjużi, kemm fir-rigward tal-manutenzjoni, kif ukoll fir-rigward tal-*contract management*. Ġie spjegat li l-involviment tal-kumitat konġunt kien limitat għall-għoti tal-kuntratti, filwaqt li l-amministrazzjoni tagħhom waqgħet fuq il-kunsilli lokali partikulari. Huwa ssuġġerixxa li s-sejħa dwar il-*contract management* għandha ssir wara dik tal-manutenzjoni, għar-raġuni li dan ikun meħtieġ biex jagħmel evalwazzjoni teknika tas-sejħa.

10.4. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li għalkemm huwa jaqbel fil-prinċipju, jibża li l-Kunsill jista' jitlef il-kontroll fuq l-amministrazzjoni tal-kuntratt, bl-istess mod kif ġara fir-rigward tas-Sistema dwar l-Infurzar Lokali.

10.5. Is-Sindku qal li japprezza l-vantaġġi b'sejħa komuni, jeħtieġ li t-tmexxija ta' kuljum għandha tibqa' fil-livell ta' Kunsill Lokali, għaliex il-pressjoni tal-ilmenti mill-pubbliku ssir mal-istess Kunsill u mhux mal-Kumitat Reġjonali.

10.6. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill talab lill-Kunsillier E. Bartolo – id-delegat tal-Mellieħa fuq il-Kumitat Reġonali – sabiex iqajjem dan is-suġġett fis-seduta li jmiss tal-Kumitat.

## 11.1. Estimi Finanzjarji tal-Kunsill għall-2014 (F/1/25)

11.2. Is-Segretarju aċċenna għall-iskedi dwar l-estimi tad-dħul u l-infiq għas-sena 2014, kif ukoll oħrajn li jqabblu l-istess figuri ma' dawk tal-2013. L-istess figuri kienu jinkludu l-*projections* dwar l-infiq stmat għall-2013, fejn jidher li din is-sena ser tispiċċa b'defiċit ta' €10,359 meta jitqies l-infieq kontra d-dħul għal dik is-sena partikulari. Minkejja dan, is-sena finanzjarja 2013 fetħet €959,924 f'depożiti bankarji, li allura għamlu tajjeb għad-defiċit imsemmi.

11.3. Il-Kunsillier E. Bartolo kkummenta li sfortunatament dan ma nftiehemx tajjeb mal-pubbliku u nħolqot perċezzjoni li l-Kunsill preċedenti kien għamel id-dejn, meta ma kienx il-każ.

11.4. Is-Segretarju spjega li fil-perjodu April/Diċembru 2013, il-Kunsill kien ferm attent li ma jidħolx f'*committments* ġodda, sakemm onora dawk prevalenti. Għalkemm is-sitwazzjoni qatt ma kienet waħda ta' defiċit, intlaħaq ftehim mal-kredituri biex il-pagamenti jsiru gradwalment u hekk ma tiddagħajjifx il-likwidita` li tista' taffettwa l-obbligi statutorji li għandu l-Kunsill. Is-sitwazzjoni f'Lulju 2013 f'dawk li huma *committements* kienet kif indikata fl-iskeda t'hawn taħt:

| **Proġett / Servizz** | **Ammont Dovut** | **Lul'13** | **Aww'13** | **Set'13** | **Ott'13** | **Nov'13** | **Diċ'13** | **Jan'14** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Dwal Park tal-Familja | 73,897.80 | 15,000.00 | 15,000.00 | 15,000.00 | 15,000.00 | 13,897.80 | 0.00 | 0.00 |
| *Floodlights* Knisja | 17,174.16 | 16,315.03 | 859.13 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| Akkwist tal-Estensjoni tal-Uffiċċju | 78,750.00 | 39,375.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 39,375.00 | 0.00 |
| Rinovar tal-Estensjoni tal-Ufficcju | 24,270.23 | 10,000.00 | 6,000.00 | 8,270.23 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| Perit Park tal-Familja | 24,000.00 | 10,000.00 | 14,000.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġ. Pawlu II | 106,482.96 | 69,698.36 | 0.00 | 36,784.60 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| Tabelli u Sinjali tat-Traffiku | 14,106.30 | 6,101.81 | 8,004.49 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| **Mħallsa kull xahar** | 338,681.45 | 166,490.20 | 43,862.62 | 60,054.83 | 15,000.00 | 13,897.80 | 39,375.00 | 0.00 |

11.5. Is-Sur C. Debono spjega li l-imsemmija *commitments* ġew onorati waqt li kellhom jiġu ffinanzjati spejjeż rikorrenti relatati mal-obbligi statutorji li għandu l-Kunsill. Is-sitwazzjoni finanzjarja tjiebet b'mod sinifikanti fit-tieni nofs tal-2013 meta daħlu ammonti dovuti mill-Gvern Ċentrali, relatati mal-Proġett ta' Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II (€35,558); Ġnien Ħidmet il-Volontarjat (€14,7450); *Playing Field* ta' Triq l-Erwieħ (€77,913); u Iljieli Melleħin u Milied Mellieħi 2012 (€20,000).

11.6. Is-Sindku kkummenta li min-naħa tiegħu s-sitwazzjoni qatt ma ġiet deskritta bħala waħda ta' dejn. Minkejja dan, kienet titlob kawtela sabiex l-ewwel jiġi onorati l-obbligi li hemm qabel tibda l-implementazzjoni ta' proġetti ġodda. Is-Sur J. Buttigieg irrimarka li min-naha l-oħra, ma jieħux praċir li l-Kunsill jiġi kkritikat li qed jakkumula ammonti kbar fil-kontijiet bankarji tiegħu.

11.7. Is-Segretarju wieġeb li jekk wieħed jara l-abbozz tal-estimi li tpoġġew għad-diskussjoni, jinduna li kemm l-flus li hemm fil-bank, kif ukoll dawk li għad iridu jidħlu matul l-2014 huwa kollha allokati. Tħalliet biss 10% tal-allokazzjoni annwali għall-2014 bħala kontinġenza skont kif stipulat fir-Regolament 4(1)(ċ) tar-Regolamenti Finanzjarji.

11.8. Il-Viċi Sindku C. Bartolo aċċenna għall-vot 7527 dwar il-proġett tal-ġnien pubbliku fuq l-art konfinanti minn Triq l-Etna, Triq Mons. F. Xuereb u Triq in-Naħal. Huwa qal li s-somma allokata ta' €10,000 mhux biżżejjed biex jinbeda x-xogħol fuq il-post.

11.9. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni għall-vot 7503 dwar titjib fil-latrina pubblika tal-Għadira (*Camping Site*). Huwa qal li din l-allokazzjoni għandha titneħħa, peress li dik l-*area* tista' tkun affettwata bi proġett turistiku privat. Huwa ppropona li dik is-somma tiġi trasferita u miżjuda mal-kont 7527, imsemmi fil-minuta 11.8 aktar 'il fuq.

11.10. Is-Segretarju aċċenna għall-fatt li l-Kunsill għad m'għandux f'idejh stimi fir-rigward ta' diversi proġetti, bħal fil-każ ta' diversi *rainwater culverts* proposti, ir-*road resurfacing* fi Triq is-Sajjieda, Triq il-Qarnit u Triq il-Marlozz; il-puġġamani fi Triq il-Mitħna l-Qadima u Triq Sant' Elena, ir-restawr tal-Għajn tal-Mellieħa u l-ħajt ta' Triq il-Marfa; it-tisbiħ tat-taraġ fi Triq San Publiju. Kif dejjem kienet il-prassi, jekk proġett ikun avvanzat iktar minn ieħor, il-Kunsill dejjem jista' jawtorizza tibdil fl-estimi, bil-għan li proġetti ma jitwaqqfx fin-nofs.

11.11. Wara li l-Kunsill ra l-iskedi mgħoddija mressqa, approva l-estimi għas-sena 2014, filwaqt li ma iffissa ebda data meta tkun tista' isseħħ il-Laqgħa Annwali tal-Lokalita`.

## 12.1. Rikonoxximent għal servizz mogħti lill-Kunsill (A/5/3/3/Vol IV)(A/5/5/Vol VII)

12.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċennat għal kontribut mogħti mis-Sinjuri Clifford Vella, Jimmy Muscat fir-rigward tal-Fiera Nazzjonali tal-Ktieb, u minn Anthony Saliba fil-każ tal-ħarġiet kulturali li jiġu organizzati minn żmien għal żmien mill-Kunsill. Hija rrakkomandat li jingħataw *gift voucher* bħala rikonoxximent.

12.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

## 13.1. *Cameras* f'postijiet panoramiċi (C/9)

13.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo għarraf li huwa ġie avviċinat mir-rappreżentanti lokali tal-kumpanija Skyline Webcams bbażata f'Catanzaro l-Italja, dwar il-possibilita` li jitwaħlu *cameras* li jkunu jistgħu jiġu segwiti permezz tal-internet. Dan it-tip ta' servizz jingħata f'postijiet turistiċi, u fil-fatt diġa jeżistu oħra simili fil-Bajja ta' Spinola San Ġiljan, il-Port il-Kbir u dak ta' Marsamxett, Birżebbugia, Marsaxlokk u oħrajn. Kif jidher mis-sit elettroniku http://www.skylinewebcams.com, dawn irreġistraw eluf ta' *hits*, u jitqiesu bħala mezz ta' pubbliċita` għall-postijiet li jidhru. Huwa qal li jintalab ħlas ta' darba biex tinxtara l-*camera*, filwaqt li l-kumplament tkoprieħ l-imsemmija kumpanija permezz tar-riklami.

13.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandha ssir talba formali, filwaqt li ndika postijiet bħal, Misraħ iż-Żjara tal-Papa / Maritim Antonin Hotel u l-Għadira (Seabank / Mellieħa Bay Hotel), bħala lokazzjonijiet addattati.

## 14.1. Kors organizzat mill-Kunsill (E/3/1/8)

14.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini ppproponiet li jsir kors tal-*line dancing* mis-Sur Vince Zahra li jkun jikkonsisti minn 19-il sessjoni bejn is-17 ta' Jannar u s-16 ta' Mejju 2014, bejn is-6.30pm u t-8.00pm fis-Sala tal-Kunsill. Hija qalet li l-istudenti jistgħu jagħmlu ħlas direttament lis-Sur Zahra, filwaqt li l-Kunsill jingħata €10 kull sessjoni għall-użu tal-faċilitajiet.

14.3. Il-Kunsill approva dan l-arranġament.

## 15.1. Introduzzjoni ta' *cat-cafe*` (A/9 )

15.2. Il-Kunsillier J. Attard fakkar fi proposta li huwa kien għamel xi seduti qabel sabiex jiġi ntrodott *cat-cafe*` fil-wesgħa li hemm fi Triq il-Fortizza, kantuniera ma' Triq iż-Żnuber.

15.3. Il-Viċi Sindku C. Bartolo qal li huwa għandu riżervi dwar din il-proposta, peress li ċertament jinqalgħu problemi ta' iġeni li finalment ir-responsabilita` tagħhom taqa' fuq il-Kunsill.

15.4. Il-Kunsill ma qabilx mal-proposta.

**16.1. Laqgħa mas-Segretarju Parlamentari Michael Farrugia (M/4/2/Vol II)**

16.2. Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li saret fis-7 ta' Jannar 2014 mas-Segretarju Parlamentari għall-Ippjanar u Simplifikazzjoni ta' Proċessi Amministrattivi, l-Onor. Dr Michael Farrugia. Is-Sur J. Buttigieg qal li fl-istess laqgħa tqajmu diversi punti li jolqtu l-lokalita` inkluż uħud li ma jaqgħux fid-dekasteru tal-Onor. Farrugia. Huwa qal li l-minuti tal-istess laqgħa ser jiġu sottomessi fis-seduta li jmiss.

16.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti..

**AĠĠORNAMENT**

Is-Seduta spiċċat fil-11.00pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 28 ta' Jannar 2014 fis-7.00pm.



John Buttigieg
**Sindku**



Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**